**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Frar 2017**

**Talba Nru: 442/15 CZ**

**GO plc (C 22334)**

**vs.**

**George Mugliett (ID 462166(M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-2 ta' Gunju 2015 u li permezz taghha talbet lill-konvenut ihallas tliet mija u sebghin Euro u tmintax-il centezmu (€370.18) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40119506 moghtija mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti markati Dok. IZY 1 u Dok. IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok. IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok. IZY 4 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi permezz ta' risposta prezentata fil-5 ta' lulju 2016 il-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi l-esponent m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici stante li huwa ttermina l-kuntratt tieghu fit-28 ta' Jannar 2010.
3. Illi l-pretensjonijiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Illi s-socjeta' Melita plc kienet tenuta tinnotifika lis-socjeta' attrici li l-esponent kien ittermina s-servizzi tieghu lilha fit-28 ta' Jannar 2010 u ghalhekk ghandha tkun kjamata in kawza.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' tliet mija u sebghin Euro u tmintax-il centezmu (€370.18) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40119506 moghtija mis-socjeta' attrici.

Illi dan id-dejn gie konfermat dovut bil-gurament minn Simone Wightman, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, permezz ta' ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, esebita a fol. 7 tal-process.

Illi l-konvenut fir-risposta tieghu ma kkontestax il-fatt illi dawn is-servizzi inghataw mis-socjeta' attrici. Qal izda illi l-kuntratt kien gie terminat u li Melita plc kellhom jgharrfu lis-socjeta' attrici dwar dan. Dwar din it-terminazzjoni izda ma kien hemm l-ebda prova, anke ghaliex il-konvenut innifsu ma ressaq provi dwar xejn.

Illi wkoll il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandu jinghad pero' illi jirrizulta illi l-ahhar kont li hemm in konnessjoni ma' dawn is-servizzi huwa datat 27 ta' Marzu 2012, u dan skond kif jirrizulta mill-prospett a fol. 3 tal-process. Jirrizulta ghalhekk illi s-socjeta' attrici agixxiet ben entro l-hames snin minn dik id-data, u ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u sebghin Euro u tmintax-**

**il centezmu (€370.18), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur